wieħed ried iwaqqa' u jxewlaħ 'l-ieħor. Wiċċhom imbergħen u mbenġel, ma waqfux jagħtu daqqa wara l-oħra. Fl-aħħar, mitlufa barra minnhom innifshom, inxteħtu u qabdu f'xulxin. Jitbandlu 'l hemm u 'l hawn, fl-aħħar waqgħu fuq il-blat ippuntat. Mal-waqgħa t-tnejn bla ma jafu karbu għajat ta' uġigħ. Imbenġlin u bi ħwejjiġhom imċarrta, riedu joħonqu 'l xulxin. It-tnejn jippruvaw jiżgiċċaw minn dwiefer xulxin, bdew jitgerbu fuq il-blat li jiżżerżaq għall-minkeb ta' l-irdum. Aktar ma wieħed jagħmel il-ħila tiegħu biex jeqred l-ieħor u jeħles minn dwiefer il-għadb tat-telfa, aktar il-qerda ta' xulxin qorbot. Meta laħqu t-tarf ta' l-irdum, aktar ħassew u fehmu bla ma riedu d-deni qrib tagħhom, u aktar għamlu ħilithom biex wieħed jeħles mill-ieħor. Kien kollu ta' xejn: it-tnejn għelbu għal isfel.

Niżlu jitgerbu, jaħbtu mal-blat wieqaf ta' l-irdum. Waqgħu fuq biċċa blata li mad-daqqa tal-waqgħa firdithom u waddbithom u medditħom wieħed naħa u l-ieħor oħra. Ġisimhom imċarrat, għadamhom imkisser maħsul fid-demm, straħu bla ħajja fuq il-qiegħa żonqrija ta' l-art.

Xhud ta' dak li sar, ċawlun kbir, bħal vleġġa ħierġa mill-qawsi ittajjar mill-bejta tiegħu mrekkna mal-wiċċ ta' l-irdum. Iswed daqs il-mingħul, għajnejh ħomor nar, dak il-ħin dar u reġa' dar fuq ix-xagħra jingħi u jokrob bil-għajta tiegħu li mliet kullimkien.

Is-sagħtar u l-plejju tax-xagħra fewħu qabarhom.

Għal għaxet in-nhar fittxuhom fuq li fittxuhom. Fl-aħħar sabuhom siekta fil-għera tal-mewt. Tħassrithom in-nies. Kulħadd qal li jafuhom jinħabbu ta' żewġt iħbieb. Kulħadd qal li tabilħaqq waqgħu minn hemm fuq għax marru jittawlu għal isfel jew marru jixxabtu mal-blat. Weħlet il-ħarsa ħażina tal-għajn. Kien xi magħmul kiefer ta' xi saħħara lii għeret għal imħabbithom u serqitilhom l-hena tal-ħbiberija għal xulxin.

Intemmu t-tnejn u ż-żmien ħatafhom fi ħdanu. It-tnejn ittarfu, it-tnejn iġġarfu.

Fejn ħallew ħajjithom, in-nies ksewħ bil-fjuri li wara żmien dbielu u spiċċaw. Iżda fejn instab Pawlu ħawwel warda bidwi xiħ li kien fiż-żmien daq mill-ħlewwa ta' mġiebtu. Ha ħsibha sew il-warda, u bintu, tfajla sbejħa, dejjem ħasbet tisqilha ilma frisk.

Għadhom jgħidulek sal-lum li l-warda kibret u xjieħet. Tismagħhom itarrfulek ukoll li ta' kull sena nhar il-mewt ta' Pawlu baqa' jiftaħ, oħroġ il-għaġeb, ward aħmar li n-naħal ma jdakkarx, ma jmissx u lanqas itabba'!



## XEWQAT TA' ĦENA

*(Qabel iż-Żwieġ ta' Nancy u Wallace)*

*Ta'* RUŻAR BRIFFA

Versi ta' Ferħ lis-Sinjurina NANCY Jo BORG, B. Pharm., u Dr. WALLACE PHILIP GULIA, LL.D., M.A. (Adm.), B.A., B.Sc., D.P.A.

Jiena dort il-ġonna kollha
Illi jsebbħu l-Gżira tagħna,
Shart niġġerra ma' l-iljieli,
Bosta nkwejt taħt xemx setgħana.

U għalkemm għotort bil-għeja,
U għalkemm herrejt 'l għajnejja,
Ma waqaftx mill-mixja twila
Għax xbihatkom imxiet ħdejja.

Warda waħda, warda sbejħa,
Warda tfewwaħ b'nifs ir-riħ,
Li mix-xemx redgħet is-sħana
U mill-qamar il-mistrieħ......

Kemm fittixtha din il-warda
Halli tfewwaħ it-tieġ tagħkom,
Bla tidbiel, bla tmut 'mma dejjem
Tibqa' tgħix għal dejjem magħkom.

Ma sibthiex matul il-ġonna......
Nibtet f'daqqa ġewwa qalbi
Din il-warda tant mixtieqa:
Ommha l-ħolm, u l-missier talbi.

Jalla qatt ma titilfuha
Tul il-medda tat-triq tagħkom.
Halli nħoss l-għeruq ta' qalbi
Marbutni għal dejjem magħkom.